# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Ottubru, 2021**

**Numru 2**

**Rikors Numru 326/17 TA**

**Adam Abuhmeda Cini, bil-Karta tal-Identita` numru 321479 (M)**

**vs**

**(1) Therese Camilleri (ID 184467M)**
**(2) Susan Farrugia (ID 69256M)**
**(3) Bank of Valletta plc bħala trustee (C2833)**
**(4) Maria Dolores sive Doris Zahra (ID 828352M)**
**(5) Ivan Debattista (ID98872M)**
**(6) Emanuel sive Noel Scerri (ID 897754M)**
**(7) Philip Alamango (ID 376451M)**
**(8) Anna Polubinski (ID 308277M) u b'digriet tat-28 ta' Frar 2018 ġiet kjamata in kawża Mary Polubinska**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Attur ippreżentat fil-11 ta' April 2017 u maħluf minnu fl-istess jum li permezz tiegħu talab is-segwenti:-

"1. Illi r-rikorrent huwa proprjetarju assolut tal-fond ossia garaxx *store* maghru bin-numru intern tmintax (18) ta' 'JB Garage' [gja bl-isem 'Wella'] b'access minn Triq Buqrajq fil-Kappara, limiti ta' San Gwann, inkuz ukoll is-sottoswol u l-arja libera tieghu.

2. Illi r-rikorrent kien xtara u akkwista l-utile dominju perpetwu tal-fuq deskritta proprjeta` immobbli minghand Alexander Camilleri u Saviour Cutajar permezz a' kuntratt pubbliku datat il-15 ta' Lulju, 2016 in atti Nutar Dottor Malcolm Mangion.

3. Illi c-cens annwu u perpetwu gravanti l-imsemmija proprjeta` immobbli gie mifdi permezz ta' cedola ta' depozitu u kontestwali fidi ta' cens numru 1194/16 sabiex b'hekk ir-rikorrent sar proprjetarju assolut tal-imsemmija proprjeta` immobbli b'mod shih u libera u franka.

4. Illi l-imsemmija proprjeta` immobbli kienet giet mixtrija u akkwistata minn Joseph Brincat mill-poter ta' Giuseppa Caruana permezz ta' kuntratt pubbliku datat 29 ta' Novembru, 1976 fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin deskritta bhala ezenti mill-hlas tac-cens u bhala "*free and unencumbered with all its rights and appurtenances*".

5. Illi da parti taghha l-imsemmija Giuseppa Caruana kienet xtrat u akkwistat il-porzjon diviza ta' kejl superficjali ta' tliet elef erba' mija u sebgha u tmenin punt hamsa (3,487.5) piedi kwadri illi fuqha hija mibnija l-fuq deskritta proprjeta` immobbli llum appartenenti lir-rikorrent mill-poter ta' Patrick Chales Sackville Windle permezz ta' kuntratt pubbliku datat 19 ta' Frar, 1975 in atti nutar Salvatore Abela.

6. Illi, da parti tieghu, il-fuq imsemmi Patrick Charles Sackville Windle kien xtara l-istess porzjon diviza t'art deskritta fil-paragrafu precedenti mill-poter ta' Wren Investents Compant (Malta) Limited permezz ta' kuntratt pubbliku datat 23 ta' Novembru, 1970 fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Dupuis, permezz ta' liema kuntratt ukoll l-istess Wren Investments Company (Malta) Limited obbligat ruhha li tghaddi u tassenja lill-imsemmi Patrick Charles Sackville Windle permess tal-PAPB illi kienet ottjeniet sabiex tinbena *terraced house* fuq l-imsemmija porzjon diviza t'art.

7. Illi, da parti taghha, l-imsemmija Wren Investments Company (Malta) Limited kienet xtrat u akkwistat l-istess porzjon diviza t'art deskritta izjed 'il fuq f'paragrafu (5) ta' dan ir-Rikors Guramentat mill-potet ta' CPIL Developments Limited u Norwin Limited permezz ta' kuntratt datat l-1 t'Ottubru 1968 fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Dupius f'liema kuntratt gie stipulat illi:

   (i) *The land shall be only used for car ports and for no other purposes*;

   u

   (ii) *It is subject to the servitude of windows overlooking it*.

8. Illi ricentement ir-rikorrent kiseb u ottjena permess ta' zvilupp minghand l-Awtorita ta' l-Ippjanar ghad-demolizzjoni tal-garaxxijiet

ezistenti u l-bini ta' garaxx *at groundfloor level* u blokk t'appartamenti fuqu – Permess numru PA4716/16.

9. Illi l-intimati kienu rregistraw ruhhom bhala *objectors* ghall-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrent u, wara l-hrug tal-imsemmi permess ghal zvilupp, intavolaw ukoll appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li permezz tieghu, fost ohrajn, qed iressqu l-aggravju illi huma jgawdu minn servitu ta' prospett u twieqi fuq il-proprjeta` tar-rikorrent u li l-proprjeta` tar-rikorrent tista' tintuza biss bhala "*car ports*" u ghall-ebda uzu iehor.

10. Illi r-rikorrent qieghed jintavola din il-kawza sabiex jigi dikjarat illi l-proprjeta` immobbli fuq deskritta illi taghha huwa proprejtarju mhijiex soggett ghal servitu ta' twieqi jharsu fuqha a favur tal-proprjetajiet tal-intimati, illi l-istess proprjeta` immobbli jista' jsir minnha kwalsiasi uzu u mhijiex limitata biss biex tintuza bhala *car ports* u li ghalhekk ir-rikorrent ghandu d-dritt illi jizviluppa tali proprjeta` immobbli anke skond il-permezz ghal zvilupp PA 4716/16 lilu mahrug mill-Awtorita` tal-Ippjanar.

11. Illi fil-fuq imsemmi kuntratt pubbliku datat l-1 ta' Ottubru 1968 fl-att tan-Nutar Dottor George Bonello Dupuis li permezz tieghu CPL Developments Limited u Norwin Limited kienu bieghu, assenjaw u ttrasferew a favur ta' Wren Instements Company (Malta) Limited il-porzjon diviza t'art illi fuqha hija mibnija l-proprjeta` immobbli llum appartenenti lir-rikorrent u li fih gie stipulat illi (i) "*The land shall be only used for car ports and for no other puprpose*"; u (ii) "*It is subject to the servitude of windows overlooking it*", il-vendituri fuq l-imsemmi att ma kienu imponew ebda cens jew subcens u ghalhekk l-intimati, bhala aventi kawza tal-imsemmija vendituri, m'ghandhomx assolutament ebda dritt u interess guridiku biex jinforzaw tali kundizzjonijiet.

12. Illi, oltre dan, permezz tal-imsemmi kuntratt pubbliku datat l-1 ta' Ottubru, 1968 fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Dupuis li permezz tieghu CPL Developments Limited u Norwin Limited kienu bieghu, assenjaw u ttrasferew a favur ta' Wren Instement Company (Malta) Limited il-porzjon diviza t'art illi fuqha hija mibnija l-proprjeta` immobbli llum appartenenti lir-rikorrent ma giet ikkreata l-ebda servitu tant illi (a) in-nota tal-Insinwa ma tindikax il-holqien ta' servitu; (b) ma gie attribwit ebda valur ghal xi servitu` mahluqa; u (c) ma gie indikat ebda fond/immobbli dominanti a favur ta' liema giet kreata xi servitu`.

13. Illi, in oltre, dilporzjon diviza t'art lilha li giet zviluppata u ilha tigi uzata b'mod li mhuwiex konsoni ma' l-uzu indikat fl-imsemmi kuntratt pubbliku datat l-1 ta' Ottubru, 1968 fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Dupuis, u cioe ghal uzu unikament bhala *car ports*, ghax izjed minn erbghin sena konsekuttivi u dan kif se jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

14. Illi, barra minn hekk, anke kieku wiehed kellu jaccetta illi permezz tal-imsemmi kuntratt pubbliku datat l-1 ta' Ottubru, 1968 fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Dupuis li permezz tieghu CPL Developments

Limited u Norwin Limited kienu bieghu, assenjaw u ttrasferew a favur ta' Wren Instements Company (Malta) Limited il-porzjon diviza t'art illi fuqha hija mibnija l-proprjeta` immobbli llum appartenenti lir-rikorrent giet kreata xi servitu ta' ftuh ta' twieqi ghal fuq l-imsemmija porzjon diviza t'art illi fuqha hija mibnija l-proprjeta` imobbli llum appartenenti lir-rikorrent giet kreata xi servitu ta' ftuh ta' twieqi ghal fuq l-imsemmija porzjon diviza t'art – u dan qed jinghad unikament ghall-grazzja tal-argument u mhux ghaliex ir-rikorrent f'tentattiv sabiex jispoljawh u jcahhduh mid-drittijiet proprjetarji tieghu – tali servitu tkun gie mahluqa minn censwalist u ghalhekk ma tistax tkun ta' hsara lill-padrun dirett illi llum huwa r-rikorrent.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(i) prevja kwalsijasi dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-porzjon diviza t'art illi fuqu huwa mibni l-fond ossia garaxx u *store* maghruf bin-numru intern tmintax (18) bl-isem ta' 'JB Garage2 [gja bl-isem 'Wella'] b'access minn Triq Buqrajq fil-Kappara, limiti ta' San Gwann, konfinanti min-nofsinhar mal-imsemmij Triq Buqrajq, mill-punent ma' proprjeta` ta' Wren Investments Limited u mit-tramuntana ma' beni ta' Giuseppa Caruana jew l-aventi kawza taghhom, mhijiex soggetta ghal servitu ta' ftuh ta' twieqi u/jew prospett a favur tal-fondi proprjeta` tal-intimati u lanqas ma mhi soggetta ghall-kundizzjoni illi ma tistax tigi uzata hlief bhala *car ports*;

(ii) konsegwentement tiddikjara illi r-rikorrent ghandu d-dritt illi jaghmel kwalijasi uzu mill-fuq imsemmija proprjeta` immobbli lilu appartenenti u ghandu d-dritt ukoll illi jibni u jizviluppa l-imsemmija proprjeta` inkluz skond il-permess ghal zvilupp numru PA4716/16 lilu mahruga mill-Awtorita` tal-Ippjanar; u

(iii) konsegwentement tiddikjara wkoll illi l-pretensjonijiet tal-intimati fis-sens illi l-fondi lilhom appartenenti jgawdu servitu ta' ftuh ta' twieqi jew prospett ghal fuq il-proprjeta` tar-rikorrent u li l-proprjeta` tar-rikorrent ma tistax tintuza hlief bhala *car ports* huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt.

(iv) tordna lill-intimati jaghlqu t-twieqi u l-aperturi kollha illi ghandhom jaghtu ghal fuq il-proprjeta` tar-rikorrent.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati li huwa minn issa ngunti ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kull azzjoni gudizzjarja ohra spettanti lir-rikorrent fil-konfront tal-intimati inkluz azzjoni ghar-rizarciment ta' danni."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti preżentata fl-1 ta' Ġunju 2017 u maħlufa fl-istess data minn Emanuel sive Noel Scerri li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:-

"1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

2. Illi l-esponenti Anna Polubinski mhijiex proprjetarja ta' xi appartament formanti parti mill-blokk appartamenti bl-isem "Kappara Court" li jinsab gewwa Triq il-Buqrajq, Kappara u ghaldaqstant, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi r-rikorrenti ghandu jressaq prova tat-titolu tieghu ghall-proprjeta in kwistjoni konsistenti minn graxxijiet mibnija fuq bicca art formanti parti minn bicca art ikbar maghrufa bhala "Tal-Ballut" gewwa l-Kappara;

4. Illi l-esponenti kollha hlief ghal Anna Polubinski huma propretjarji ta' diversi appartamenti formanti parti minn Kappara Court, Triq il-Buqrajq Kappara, liema appartamenti ghandhom twieqi fil-hitan divizorju li jharsu ghal fuq il-proprjeta tar-rikorrenti, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi l-blokki appartamenti tal-esponenti jiffurmaw parti minn sitt blokok ta' appartamenti kollha bl-isem Kappara Court li jinsab gewwa Triq il-Buqrajq, Kappara;

6. Illi, kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti fir-rikors guramentat tieghu, l-appartamenti kollha tal-esponenti (hlief Anna Polubinski) jgawdu servitu ta' prospett fuq il-proprjeta appartenenti lir-rikorrenti, liema proprjeta tista' tintuza biss bhala car ports u ghal ebda skop iehor, liema servitu gie kostitwit in forza ta' kuntratt pubbliku datat 1 ta' Ottubru 1968 fl-atti tan-Nutar George Bonello DuPuis, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "A";

7. Illi t-twieqi infethu meta nbnew l-blokok appartamenti fis-snin Sittin madwar is-sena 1967, u jinsabu fil-hitan divizorji fuq iz-zewg nahat tal-proprjeta tar-rikorrenti u jharsu ghal fuq il-proprjeta tieghu, kif jidher minn ritratt li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "B";

8. Illi l-kuntratt Dokument "A", li in forza tieghu l-kumpannija CPL Developments Ltd u Norwin Ltd kienu bieghu l-art appartenenti lir-rikorrenti a favur il-kumpannija Wren Investment Co (Malta) Ltd versu l-prezz nominali ta' lira sterlina (£1), jiddisponi illi:

"2. *The land shall only be used for car ports and for no other purpose;"*

"3. *It is subject to the servitude of windows overlooking it*"

9. Illi ghalhekk, isegwi illi t-twieqi fil-proprjetajiet tal-esponenti li jharsu ghal fuq il-proprjeta tar-rikorrent ilhom ezistenti minn almenu s-sena 1968, filwaqt illi l-art proprjeta tar-rikorrenti giet zviluppata biss ghal garaxxijiet fuq pjan wiehed, proprju ghat-tenur tal-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' servitu hawn fuq citat (Dokument "A");

10. Illi mis-sena 1968 sal-lum, l-proprjetajiet tal-esponenti dejjem gawdew minn dan is-servitu billi t-twieqi taghhom fuq iz-zewg hitan divizorji iharsu ghal fuq l-art tal-esponenti li giet zviluppata ghal dan l-iskop u li safejn jafu huma, minn dejjem intuzat esklussivament ghal dan l-iskop u ghal skop raguni ohra;

11. Illi jigi rilevat illi l-kostituzzjoni tas-servitu ta' propsett tat-twieqi fil-hitan divizorji li lum jitgawda mill-proprjeta tal-esponenti bhala l-fond dominanati, jfisser illi wiehed jista' jitfacca fit-twieqi tal-appartamenti tal-esponenti u jhares ghal fuq il-proprjeta tar-rikorrenti bhala l-fond servjenti;

12. Illi ghalhekk, isegwi wkoll illi bhala fond servjenti, il-proprjeta tar-rikorrenti ma tistax tigi zviluppata b'mod illi jcahhad lill-esponenti milli jezercitaw tali dritt ta' prospett mit-twieqi li jinsabu fil-hitan divizorju tal-appartamenti individwali taghhom, izda tista' tintuza biss bhala carport u oltre dan l-izvilupp gja ezistenti, ma tistax tigi zviluppata jew mibnija izda ghandha tithalla kif inhi llum zviluppata sabiex tali servitu jkompli jigi gawdut minnhom kif ilu jigi gawdut ghal dawn l-ahhar hamsin sena;

13. Illi huwa proprju ghal din ir-raguni illi, oltre l-kostituzzjoni tas-servitu li nholoq in forza tal-kuntratt fuq citat (Dokument "A"), l-akkwirent gie prekluz milli jizviuppa l-art ghajr ghal "carport" fuq pjan wiehed billi kull zvilupp li jeccedi l-gholi ta' sular wiehed certament sejjer icahhad lill-esponenti milli jgawdu s-servitu li nholoq favur il-proprjeta taghhom;

14. Illi l-istess kundizzjonijiet fuq citati u li gew inkluzi fil-kuntratt tal-1 ta' Ottubru 1968 (Dokument "A"), gew riprodotti fil-kuntratt datat 23 ta' Novembru 1970, ukoll fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello DuPuis li in forza tieghu, Wren Investment Copany (Malta) Ltd trasferiet l-art favur Patrick Charles Sackville Windle, u kopja tal-istess qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "C";

15. Illi l-kreazzjoni o meno ta' titolu ta' cens jew sub-cens fuq l-art tar-rikorrenti u l-fidi tal-istess m'ghandhom ebda konnessjoni mal-holqien u/jew it-tgawdija ta' dawn is-servitujiet favur il-proprjetajiet tal-esponenti, kif donnu qieghed jimplika r-rikorrenti;

16. Illi l-permess ta' zvilupp PA 4716/16 mahrug favur ir-rikorrenti fuq l-art in kwistjoni u li huwa soggett ghall-appell intavolat mill-esponenti, ma jista' qatt jincidi fuq id-drittijiet civili tal-esponenti; fi kwalunkwe kaz, kull permess tal-izvilupp jinhareg "saving third party rights" li f'dan il-kaz huwa d-drittijiet tal-esponenti li jgawdu s-servitujiet kostitwiti favur il-proprjetajiet individwali taghhom;

17. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, jigi rilevat illi tali twieqi ilhom li nfethu fil-hajt divizorju fuq il-proprjeta tar-rikorrenti

u ilhom jitgawdew b'mod mhux interrott ghal madwar hamsin sena, kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

18. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz."

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-kjamata in kawża Mary Polubinksa preżentata il-15 ta' Ġunju 2018 u maħlufa minnha fl-istess data li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:-

"1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

2. Illi r-rikorrenti ghandu jressaq prova tat-titolu tieghu ghall-propjeta in kiwstjoni konsistenti minn garaxxijiet mibnija fuq bicca art formani parti minn bicca art ikbar maghrufa bhala 'Tal-Ballut' geww l-Kappara;

3. Illi l-esponenta hija proprjetarja ta' appartament formanti parti minn Kappara Court, Triq il-Buqrajq, Kappara,liema appartament ghandu twieqi fil-hitan divizorji li jharsu ghal fuq il-proprjeta tar-rikorrenti, kif ser jigi ppurvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi l-blokki appartamenti li fosthom wiehed jappartjeni lill-esponenta, jiffurmaw parti minn sitt blokok ta' appartamenti kollha bl-isem Kappara Court li jinsab gewwa Triq il-Buqrajq, Kappara;

5. Illi, kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti fir-rikors guramentat tieghu, l-appartament tal-esponenta jgawdi servitu ta' prospett fuq il-proprjeta appartenenti lir-rikorrenti, liema proprjeta tista' tintuza biss bhala car ports u ghall-ebda skop iehor, liema servitu gie kostitwit in forza ta' kuntratt pubbliku datat 1 ta' Ottubru 1968 fl-atti tan-Nutar George Bonello DuPuis, li kopja tieghu tinsab esebita fl-atti tal-kawza odjerna u mmarkat bhala Dok A;

6. Illi t-twieqi infethu meta nbnew l-appartamenti fis-snin Sittin madwar is-sena 1967, u jinsabu fil-hitan divizorji, fuq zewg nahat tal-proprjeta tar-rikorrenti u jharsu ghal fuq il-propjeta tieghu, kif jidher minn ritratt li kopja tieghu tinsab esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok 'B';

7. Illi l-imsemmi kuntratt Dokument 'A', li in forza tieghu l-kumpaniji CPL Developments u Norwin Ltd kienu bieghu l-art appartenenti lir-rikorrenti a favur il-kumpanija Wren Investment Co (Malta) Ltd versu l-prezz nominali ta' lira sterlina (£1), jiddisponi illi:

"***2. The land shall only be used for car ports and for no other purpose;"***

***"3. It is subject to the servitude of windows overlooking it***"

8. Illi ghalhekk, isegwi illi t-twieqi fil-proprjetajiet tal-esponenti li jharsu ghal fuq il-proprjeta tar-rikorrenti ilhom ezistenti minn ghalmenu s-sena

1968, filwaqt illi l-art proprjeta tar-rikorrenti giet zviluppata biss ghal garaxxijiet fuq pjan wiehed, propju ghat-tenur tal-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' servitu hawn fuq citat (Dokument A);

9. Illi mis-sena 1968 sa llum, il-proprjeta tal-esponenti dejjem gawdiet minn dan is-servitu billi t-twieqi taghha fuq il-hajt divizorji jharsu ghal fuq l-art tar-rikorrenti li giet zviluppata ghal dan l-iskop u li safejn taf hi, minn dejjem intuzat esklussivament ghal dan l-iskop u ghall-ebda skop jew raguni ohra;

10. Illi jigi rilevat illi l-kostituzzjoni tas-servitu ta' prospett tat-twieqi fil-hitan divizorji li llum jitgawda, fost ohrajn, mill-proprjeta tal-esponenti bhala l-fond dominant, jfisser illi wiehed jista' jitfacca fit-twieqi tal-appartamenti tal-esponenta u hares ghal fuq il-proprjeta tar-rikorrenti bhala l-fond servjenti;

11. Illi ghalhekk, isegwi wkoll illi bhala fond servjenti, il-proprjeta tar-rikorrenti ma tistax tigi zviluppata b'mod illi jcahhad lill-esponenta milli tezercita tali dritt ta' prospett mit-twieqi li jinsabu fil-hitan divizorju tal-appartament taghha, izda tista' tintuza biss bhala carport u oltre dan l-izvilupp gja ezistenti, ma tistax tigi zviluppata jew mibnija izda ghandha tithalla kif inhi llum zviluppata sabiex tali servitu jkompli jigi gawdut minnha kif ilu jigi gawdut ghal dawn l-ahhar hamsin sena;

12. Illi huwa proprju ghal din ir-raguni illi, oltre l-kostituzzjoni tas-servitu li nholoq in forza tal-kuntratt fuq citat (Dokument A), l-akkwirent gie prekluz li jizviluppa l-art ghajr ghal 'carport' fuq pjan wiehed billi kull zvilupp li jeccedi l-gholi ta' sular wiehed certament sejjer icahhad lill-esponenta milli tgawdi s-servitu li nholoq favur il-proprjeta taghha;

13. Illi l-istess kundizzjonijiet fuq citati u li gew inkluzi fil-kuntratt tal-1 ta' Ottubru 1968 (Dokument A), gew riprodotti fil-kuntratt datat 23 ta' Novembru 1970, ukoll fl-atti tan-Nutar George Bonello DuPuis, li in forza tieghu, Wren Investments Company (Malta) Ltd trasferiet l-art favur Patrick Charles Sackville Windle, li kopja tal-istess tinsab esebita fil-prcess u mmarkata bhala Dokument 'C';

14. Illi l-kreazzjni o meno ta' titolu ta' cens jew sub-cens fuq l-art tar-rikorrenti u l-fidi tal-istess m'ghandhom ebda konnessjoni mal-holqien u/jew it-tgawdija ta' dawn is-servitujiet favur il-proprjeta tal-esponenta, kif donnu qieghed jimplika r-rikorrenti;

15. Illi l-permess ta' zvilupp PA 4716/16 mahrug favur ir-rikorrenti fuq l-art in kwistjoni u li huwa soggett ghall-appell intavolat mill-intimati, ma jista' qatt jincidi fuq id-drittijiet civili tal-esponenta; fi kwalunkwe kaz, kull permess tal-izvilupp jinhareg "saving third party rights" li f'dan il-kaz huma d-drittijiet tal-esponenta li tgawdi s-servitujiet kostitwiti favur il-proprjeta individwali taghha;

16. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, jigi rilevat illi tali twieqi ilhom li nfethu fil-hajt divizorju fuq il-proprjeta tar-rikorrenti u ilhom jitgawdew b'mod mhux interrott ghal madwar hamsin sena, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

17. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-24 ta' Ġunju 2021 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** B'kuntratt tal-5 ta' Lulju 2016 (a' fol 37), l-Attur akkwista mingħand Alexander Camilleri u Saviour Cutajar l-utile dominju perpetwu ta' garaxx u store magħruf bin-numru intern tmintax (18) bl-isem JB Garage (gja bl-isem 'Wella') b'aċċess minn Triq Buqrajq fil-Kappara, limiti ta' San Ġwann. Skont il-kuntratt imsemmi, dan il-garaxx u store ġie hekk akkwistat "*flimkien mal-arja u sottoswol … liberu u frank*". Dan iċ-ċens ġie mifdi permezz ta' ċedola ta' depożitu preżentata fl-1 ta' Awwissu 2016 a' tenur tal-artikolu 1501(7) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta (ara Dok MM1 a' fol 137).

**2.** L-art li fuqha inbena dan il-garaxx u store hekk akkwistat mill-Attur kienet oriġinarjament proprjetá ta' żewġ soċjetajiet bl-isem CPL Developments Limited u Norwin Limited. B'kuntratt pubblikat fl-1 ta' Ottubru 1968 (a' fol 13) fl-atti tan-Nutar George Bonello DuPuis, dawn is-Soċjetajiet trasferew din l-art lis-Soċjetá Wren Investments Co. (Malta) Ltd

bil-kondizzjonijiet li, inter alia, "*2. The land shall only be used for car ports and for no other purpose. 3. It is subject to the servitude of windows overlooking it.*" (ara fol 15).

**3.** Is-Soċjetá Wren Investment Co. (Malta) Ltd sussegwentement trasferit din l-art lill-Patrick Charles Sackville Windle b'kuntratt tat-23 ta' Novembru 1970 ippubblikat fl-atti tal-istess Nutar Bonello DuPuis (a' fol 18). Iż-żewġ kundizzjonijiet su ċitati stipulati fl-Kuntratt preċedenti, jiġifieri dak tal-1 ta' Ottubru 1968, ġew riprodotti f'dan il-kuntratt ukoll (ara fol 20).

**4.** Jidher li l-garaxx inbena min Patrick Charles Sackvill Windle li wara trasferixxa l-istess lil Giuseppa armla ta' Paul Caruana b'kuntratt tad-19 ta' Frar 1975 fl-atti tan-Nutar Salvatore Abela. Dan il-kuntratt ma ġiex preżentat in atti iżda jirriżulta mill-provenjenza tal-kuntratt sussegwenti datat 29 ta' Novembru 1976 (ara a' fol 142 u144). B'dan il-kuntratt l-istess Giuseppa armla ta' Paul Caruana trasferit il-garaxx lil ċertu Joseph Brincat bħala "*free and unencumbered and with all its rights and appurtenances*" (ara fol 143);

**5.** Jirriżulta mill-provenjenza tal-kuntratt imsemmi datat 5 ta' Lulju 2016 li l-Attur akkwista dan il-garaxx minn Alexander Camilleri u Saviour Cutajar fil-kwalitá tagħhom ta' werrieta ta' Maria Brincat, il-konjuġi superstiti ta' Joseph Brincat (ara provenjenza a' fol 41 sa 43);

**6.** Minn naħa tagħhom il-Konvenuti huma sidien ta' appartamenti formanti parti mill-blokk bl-isem "Kappara Court" fi Triq il-Buqrajt, Kappara kif ġej:

1. L-appartament numru 29 fi Blokk D ġie akkwistat mill-Konvenut Philip Alamango b'kuntratt tal-20 ta' Jannar 1978 (a' fol 189);
2. L-appartament numru 4 fi Blokk C ġie akkwistat mill-ġenituri tal-Konvenuta Susan Farrugia, illum mejtin, b'kuntratt tal-1 ta' Ottubru 1996 (a' fol 193);
3. L-appartament numru 25 fi Blokk D ġie akkwistat mill-ġenituri tal-Konvenut Ivan Debattista b'kuntratt tal-14 ta' Frar 1996 (a' fol 200). Dan l-appartament ġie sussegwentement donat lill-Konvenut binhom b'kuntratt tal-5 ta' Lulju 2003 (a' fol 203);
4. L-appartament numru 31, Blokk D, Kappara Court, ġie akkwistat mill-Konvenuta Mary Polubinski b'kuntratt tat-18 ta' Ġunju 1994 (a' fol 207);
5. L-appartament numru 27, Blokk D ġie akkwistat mill-Konvenut Prokuratur Legali Emanuel sive Noel Scerri b'kuntratt tat-30 ta' Mejju 2003 (a' fol 2003);
6. L-appartament numru 22 ġie akkwistat mill-Konvenut Bank of Valletta P.L.C. bħala trustee (ara xhieda tal-Avukat Stephen Attard a' fol 228). Ma ġietx preżentata in atti kopja ta' l-att ta' dan it-trasferiment;

7. Ma huwiex magħruf kif u liema appartament ġie akkwistat mill-Konvenut rimanenti Therese Camilleri u Maria Dolores sive Doris Zahra.

**7.** Fl-14 ta' Lulju 2016 l-Attur issottometta applikazzjoni mal-awtoritá tal-Ippjanar għal permess sabiex dan il-garage u store jiġi żviluppat (ara Dok OM1 fol 82).

**8.** Il-Konvenuti, bħala sidien tal-appartamenti fil-Blokk imsemmi, oġġezzjonaw għal dan il-permess bil-mezz ta' *objection letter* mibghuta lill-Awtoritá tal-Ippjanar fl-20 ta' Settembru 2016 (a' fol 108). Ir-raġuni tal-oggezzjoni maghmula mill-konvenuti hija li l-proprjetá tal-Attur hija soġġetta għaż-żewġ kondizzjonijiet su ċitati kif naxxenti mill-kuntratt tal-1 ta' Ottubru 1968 fl-atti tan-Nutar George Bonello DuPuis (ara fol 103 u 108 faċċata 2). Fit-30 ta' Novembru 2016 l-Awtoritá tal-Ippjanar laqgħet l-applikazzjoni tal-Attur u ħarġet Permess numru PA4716/16 bil-kondizzjonijiet hemm imniżżla (a' fol 55 u 117). Il-Konvenuti appellaw minn din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni għall-Ambjent u l-Ippjanar li, b'deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Mejju 2019, bgħat l-atti lura l-Awtoritá bil-mod u għal raġunijiet hemm indikati (ara deċiżjoni a' fol 234 u 252).

**9.** Fit-22 ta' Diċembru 2016, il-Konvenuti preżentaw ukoll ittra uffiċjali kontra l-attur u oħrajn (a' fol 26). Permezz tagħha l-Konvenuti ddifidaw lill-Attur milli jagħmel kwalunkwe att li b'xi mod jista' jisker id-drittijiet tagħhom u rriżervaw id-dritt li jieħdu azzjoni ċivili kontrih.

**10.** Fil-11 ta' April 2017 l-attur istitwixxa l-azzjoni odjerna.

**Punti ta' Liġi**

**11.** B'din l-azzjoni l-Attur qed ifittex li jottjeni dikjarazzjoni mill-Qorti li l-garaxx u store in kwistjoni m'hijiex soġġetta għal servitù ta' ftuħ ta' twieqi u/jew prospett a favur tal-fondi proprjetá tal-Konvenuti u lanqas m'hi soġġetta għall-kundizzjoni illi ma tistax tiġi użata ħlief bħala car ports. L-Attur qed jitlob ukoll sabiex il-Qorti konsegwentement tiddikjara li huwa għandu dritt illi jagħmel kwalsijasi użu mill-imsemmija proprjetá inkluż li jibni u jiżviluppha skont il-permess numru PA4716/16 maħruġ mill-Awtoritá tal-Ippjanar.

**12.** L-azzjoni ghalhekk tirrigwarda c-ċaħda ta' servitù, u ċioè, l-*actio negatoria servitutis*. Il-Kunsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin ma din l-azzjoni ġew spjegati tajjeb hafna mill-**Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef fis-sentenza Rosario sive Louis Schembri et vs Joseph Demanuele et datata 27 ta' Mejju 2004**:

"*l-għan waħdieni tal-actio negatoria huwa dak li jikseb dikjarazzjoni li l-ġid tal-attur mhux suġġett għal servitu' favur ġid ta' ħaddieħor, u li jitneħħa dak kollu li jxejjen l-istat ta' tgawdija ħielsa minn kull servitu'. Din l-azzjoni tinbena fuq il-presuppost li l-ġid immobbli huwa ħieles (P.A.* ***9.1.1877*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Desain vs Piscopo Macedonia*** *(Kollez. Vol:* ***VIII.21****)). Għalhekk hija azzjoni ta' għamla petitorja (App. Ċiv.* ***19.2.1951*** *fil-kawża fl-*

*ismijiet **Farruġia et vs Cassar** (Kollez. Vol: **XXXV.i.10**)) u tista' titressaq biss minn min hu sid tal-post (App. Ċiv. **20.12.1946** fil-kawża fl-ismijiet **Falzon et vs Degiorgio** (Kollez. Vol: **XXXII.i.485**)) u mhux minn kull min ikun jippossedih, u dan bħala effett dirett tal-fatt li l-azzjoni petitorja tirrigwarda jeddijiet reali (P.A. **3.4.1995** fil-kawża fl-ismijiet **Baldacchino vs Grima et** (Kollez. Vol: **LXXIX.iii.1219**));*

*Illi normalment ukoll, fl-azzjoni negatorja, il-piż tal-prova tal-esistenza ta' servitu' fuq il-fond tal-attur taqa' fuq il-parti mħarrka (App. Ċiv. **28.1.1957** fil-kawza fl-ismijiet **Vella et vs Magro** (Kollez. Vol: **XLI.i.69**)), minkejja li din tkun tinsab fil-kważipussess tas-servitu' pretiza (P.A. PS **18.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet **Nazzareno Schembri vs Leonilda Farruġia**). Għalhekk, kulma għandu jipprova l-Attur f'kawża bħal din hu li huwa tassew sid il-post li fuqu qiegħed jiġi pretiż is-servitu'. Filwaqt li l-parti mħarrka trid turi li tassew jeżisti s-servitu' minnha vantat (P.A. PS **31.1.2003** fil-kawza fl-ismijiet **Joan Cachia vs Marianna Schembri**);*" Ara wkoll is-**Sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet Joseph Camenzuli vs Theresa Gafa et datata 13 ta' Ottubru 2017**.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**13.** Il-Konvenuti jikkontendu li l-fond proprjetá tal-Attur huwa soġġett għal *servitus prospectus*, jiġifieri servitù affermattiva kontinwa u li tidher ta' prospett (ara eċċezzjonijiet 6 sa 14 a' fol 9 u nota ta' sottomissjonijiet a' fol 282 et seq). Tali servitù hija fil-fatt waħda kontinwa u apparenti ai termini

tal-artikolu 455(2) u (4) tal-Kap. 16 kif ukoll affermattiva a tenur tal-artikolu 456(2) tal-istess Kap. Il-Konvenuti jinsistu li l-eżistenza ta' din is-servitù ġiet maħluqa bi tnejn mit-tlett modi stabbiliti bl-artikolu 457 tal-kap. 16 ta' kif tista' tiġi akkwistata servitu' kontinwa u apparenti: bis-saħħa ta' titolu (art 457(a)) u, *in subsidium*, bil-preskrizzjoni (art 457(b)).

**14.** Kif ġie ġia ribadit minn din il-Qorti, "*It-tlett kawżi li minnhom jitnissel servitu' kontinwu fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artiklu 457 tal-Kodiċi Ċivili, ma humiex alternattivi għal xulxin. Di piu` irid jingħata omaġġ lill-prinċipju ta' "una via non datur recursus ad alteram", altrimenti l-parti l-oħra għall-kawża titqiegħed fi svantaġġ fid-dawl tal-liberalita` ta' sperimentazzjoni ta' diversi ta' pretensjonijiet jew azzjonijiet.*

*It-tagħbija ta' servitujiet fuq fond ta' ħadd ieħor huwa piż rejali li għandu jitqies b'ċertu ċirkospezzjoni peress li r-regola prinċipali hi li l-propjetarju ta' fond għandu s-setgħa assoluta li jagħmel użu mill-propjeta' tiegħu kif jidhirlu hu basta mhux kontra l-liġi (artikolu 320 tal-Kodiċi Ċivili). Għalhekk, meta persuna tkun qed tiddefendi lilha nnifisha bid-dritt ta' servitu` kontinwu, peress li l-ħolqien tagħhom huwa odjuż fis-sens li jnaqqas mil-liberta` li dak li jkun jiddisponi mill-proprjeta` tiegħu kif irid hu, <u>għandha sa mill-bidu nett tad-difiża tagħha, tagħżel it-triq ta' xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artiklu 457 tal-Kodiċi Ċivili u mhux tagħżel aktar minn raġuni waħda biex jekk ma tirnexxix f'waħda tipprova tolqot bl-oħra. It-tlett raġunijiet jeskludu lil xulxin, tant li anke l-punteġġjatura taħt dan l-artiklu ma</u>*

<u>*tippermettix l-affissjoni ta' "jew"*</u>." (**Joan Antida Serracino Inglott et vs Carmelo Mifsud et, Qorti Ċivili Prim' Awla, 6 ta' Mejju 2019**).

**15.** Din il-Qorti għaldaqstant ma hijiex tenuta li tikkonsidra iktar min waħda miż-żewġ modi ta' eżistenza ta' servitu reklamati mill-Konvenuti. Il-Qorti sejra għalhekk tiddetermina jekk il-konvenut irnexxilux jipprova li l-eżistenza ta' servitù ta' prospett ġiet tassew imissla bis-saħħa ta' titolu.

L-ewwel parti tal-artikolu 458 tal-Kap. 16 tippreskrivi li "*it-titolu li bih tiġi mnissla servitù hu null jekk ma jidhirx minn att pubbliku*".

**16.** Il-Konvenuti jissottomettu li d-dritt reali ta' servitù ta' prospett ġie oriġinarjament kostituwit bil-kuntratt ippubblikat fl-1 ta' Ottubru 1968 (a' fol 13) fl-atti tan-Nutar George Bonello DuPuis u baqa' jsegwi l-istess immobbli f'idejn min ikun ħadu. Dan għaliex, kif ġia ċitat supra, fl-istess kuntratt hemm espressament dikjarat li l-art li fuqha inbena dan il-garaxx "*is subject to the servitude of windows overlooking it*" (ara fol 15).

**17.** Ġie osservat "*illi ma jistax jingħad li obbligazzjoni "tammonta" għal servitu`, iżda trid attwalment tikkostitwixxi servitu`*" (**Louis Scicluna et vs Joseph Sant, Qorti Ċivili Prim' Awla 18 t'April 2005**).

**18.** Ġie ritenut li tlieta huma l-punti kardinali li għandhom jissemmew fil-kuntratt sabiex tiġi effettivament kostitwita servitù skont kif dettat bl-artikolu 458 tal-Kap. 16 u abbinat mal-artikolu 400 tal-istess Kap: (1) id-dritt maħluq li f'dan il-każ jikkonsisti fi dritt ta' prospett; (2) il-fond dominanti li favur tiegħu s-suppost servitù ġiet istitwita, senjatament l-appartamenti proprjetá

tal-Konvenuti; u (3) il-fond serventi li fuqu hemm is-suppost servitù, senjatament il-garage de quo proprjetá tal-Attur (**Joseph Abela et vs Philip Borg et, Qorti tal-Appell, 29 ta' Jannar 2016; ara wkoll David Portelli et vs John Mercieca et, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, 2 ta' Ottubru 2008**).

<u>Id-dritt maħluq</u>

**19.** Il-kuntratt jikkostitwixxi "*servitude of windows*". Kif ġie mfisser mill-Pacifici Manzoni kwotat f'diverżi sentenzi, inkluż mill-Konvenuti fin-nota tagħhom (a' fol 282), "*per prospetto, preso in termine in senso generale, s'intende un'apertura o finestra, senza o con invetriate mobile, mediante la quale l'aria puo' pentrare nell'ambiente a cui serve e una persuna puo' affaciarsi e guardare nei sottoposti luoghi. (Istituzioni Vol.III. para. 112). Dan ukoll huwa l-insenjament ta' Ricci (Diritto Civile, Vol.II, para. 355). Mbghad din is-servitu` tista' tassumi sinfikat aktar ristrett, jigifieri, fil-kliem ta' Lomonaco, 'soltanto quell'apertura da cui si ha una veduta diretta sul fondo vicino'. (Diritto Civile Italiano, pag.289)*" (**Maria Stilon Depiro vs Vincenza Axisa, Qorti Ċivili Prim' Awla, 24 ta' Jannar 1958**).

**20.** M'għandux ikun hemm dubju, kif del resto lanqas ma ġie kontestat, li l-pożizzjoni tat-twieqi tal-appartamenti tal-Konvenuti jagħtu dritt ta' introspezzjoni skont l-insenjament mogħti fis-sentenza appena ċitata (ara xhieda tal-Konvenut Prokuratur Legali Noel Scerri a' fol 157). Isegwi li s-

servitù ta' twieqi kostitwita fil-kuntratt imsemmi jagħti tassew dritt reali ta' servitù ta' prospett.

Il-fond dominanti li favur tiegħu s-suppost servitù ġiet istitwita, senjatament l-appartamenti proprjetá tal-Konvenuti

**21.** Is-servitù ta' twieqi mnissla fil-kuntratt in kwistjoni ma tispeċifikax espressament l-appartamenti tal-Konvenuti bħala li huma l-fondi dominanti. L-istess kuntratt madankollu espressament jikkostitwixxi dan il-jedd ta' servitù fuq dawk it-twieqi "*overlooking*" l-art illum proprjetá ta' l-Attur. It-twieqi li hekk iħarsu għall-fuq l-art illum proprjetá tal-Attur huma dawk istallati fl-appartamenti tal-Konvenuti. Dan il-fatt jirriżulta ċert, inkontestat u konkordjalment magħruf mill-partijiet kollha. L-istess ġie anke kostatat min din il-Qorti waqt l-aċċess miżmum minnha u jirriżulta wkoll *ictu oculi* mir-ritratt (ara a' fol 213 u a' fol 12). Huwa ċar għalhekk li, minkejja mhux espressament indikati bħala fondi dominanti, l-appartamenti tal-Konvenuti huma dawk il-fondi li għall-vantaġġ tagħhom ġiet hekk maħluqa is-servitu' ta' twieqi li jħarsu għall-fuq il-proprjetá tal-attur.

Il-fond serventi li fuqu hemm is-suppost servitù

**22.** Mill-kuntratt tal-1 ta' Ottubu 1968 jirrizulta, li l-jedd reali ta' servitù ta' twieqi ġie hekk kostitwit għall-vantaġġ ta' fond dominanti, jigifieri l-appartamenti proprjetá tal-Konvenuti, fuq fond serventi jew ahjar l-art li fuqha llum hemm mibni garaxx u store, proprjetá tal-attur u li llum irid jizvilluppa. Jirrisulta għalhekk , li l-elementi kollha li għandhom jissemmew

fil-kuntratt sabiex tiġi effettivament kostitwita servitù b'att intervivos skont kif dettami bl-artikoli 458 u 400 tal-Kodiċi Ċivili, ġew fil-fatt sodisfatti.

**23.** Madanakollu l-artikolu 458 jippreskrivi li servitù hekk imnissla "*ma tibdiex isseħħ kwantu għat-terzi **qabel ma l-att** jiġi nsinwat fir-Reġistru Pubbliku skont l-artikolu 330, fuq talba ta' waħda mill-partijiet interessati, jew tan-nutar li jkun irċieva l-att.*" (Emfazi tal-Qorti).

**24.** Qabel xejn tajjeb li jkun rilevat li l-artikolu inkwistjoni ma jirreferix għas-servitu' per se, iżda għall-att li permezz tiegħu ikun ġie kostitwit, f'dan il-kaz kien wieħed ta' bejgħ. Dan qiegħed jingħad peress f'paragrafu 12 tar-rikors promotur , l-attur ma jilmentax mill-fatt l-att fih innifsu ma ġiex insinwat , izda li "***nota ta' insinwa** ma tindikax il-ħolqien ta' servitu*" (Emfazi tal-Qorti. Di fatti fiz-zewġ kuntratt fejn tan-nutar George Bonello Dupuis fil-marġini hemm indikati li ġew insinwati (ara a' fol 13 sa 23).

**25.** Stabbilit li l-atti fuq imsemmija ġew fil-fatt insinwati, jixraq il-Qorti tfakkar li L-Artikolu 458 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li servitu` maħluq b'titolu ma tibdiex isseħħ kwantu għat-terzi qabel ma **l-att** insinwat fir-Reġistru Pubbliku skond l-Artikolu 330. Il-liġi hija ċara u ma tagħmilx refrenza speċifika għas-servitu' per se. L-anqas ma jidher li l-Attur qed jattakka l-att fih innifsu fis-sens li huwa nieqes mir-rekwiziti tal-liġi biex jirrendih ineffikaċi. L-att li ħoloq is-servitu`, hu dak dak tal-1 ta' Ottubru 1968 li ġie regolarment insinwat. Jekk għall-grazzja tal-argument fin-nota ta' l-insinwa ma hemmx riferenza speċifika għas-servitu` in kwistjoni, jinteressa għall-

akkwirent li jezamina dak l-att biex jara d-dettalji tiegħu (ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri tat-22 ta' Mejju, 2008 fl-ismijiet Philip Fenech u pro et -vs- A & R Mercieca Limited u kif ukoll dik tal-PA tal-11 ta' Ottubru, 2011 fl-ismijiet Joseph u Teresa, konjuġi Abela -vs- Philip u Carmen, konjuġi Borg et per Imħallef Anna Felice**).

**26.** Dwar il-kwistjoni tal-uzu tal-garage bħala *car port* il-Qorti ħasbet fit-tul. Il-konvenuti jippretendu li l-arja ta' din il-carport ma tistax tinbena. Fi ftit kliem qed jargumentaw li huma juzufruwixxu ukoll mis-servitu' ta' altius non tollendi. Kif ġie tajjeb ritenut mill-Qorti Ċivili Prim' Awla fis-sentenza **Emanuel Muscat v. Brian Abela et** tas-6 ta' Frar 2006, "*bħalma ntqal fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Ottubru 1881 fil-kawza fl-ismijiet* ***Canonico Don Paolo Lebrun vs Vincenzo Micallef et*** *(Vol. IX.504): "La servitu` affermattiva di luce e di prospetto non da` diritto al padrone del fondo dominante d'impedire al vicino di fabbricare, anche se gli diminuisse l'uso della servitu`, se tra la nuova fabbrica e il confine del fondo dominante si sia lasciato tanto spazio, da non rendere inutili le dette servitu`.* ***<u>Per poter pretendere questo bisognerebbe avere le servitu` negative NE LUMINIBUS o NE PROSPECTUI OFFICIATUR, ovvero ALTIUS NON TOLLENDI.</u>*** *" F'dan il-każ l-attur m'għandux is-servitu` altius non tollendi. Bis-servitu` li huwa jgawdi pero` għandu kull dritt iġiegħel lis-socjeta` konvenuta żżomm id-distanzi preskritti mill-Kodici Civili. Hekk skond l-artikolu 435 trid tinżamm distanza ta' tliet metri...*"

**27.** Bl-istess mod jingħad f'dan il-każ ukoll li l-Konvenuti m'għandhomx is-servitù *altius non tollendi* jew, fi kliem ieħor, *servitus ne prospectui officiator*. Tali servitù hija, a tenur tal-artikolu 455(5) tal-Kodiċi Ċivili, kontinwa u ma tidhirx. Di fatti dan lartikolu jiddisponi hekk:

*"Is-servitujiet li ma jidhrux huma dawk li m'għandhomx sinjali li jidhru tal-eżistenza tagħhom, bħal ma hija l-projbizzjoni li wieħed jibni fuq ċerta art jew li ma jibnix aktar minn ċertu għoli"*

**28.** Kif wieħed jista' jara. Il-liġi saħansitra isemmi s-servitu' tal-altius non tollendi bħala ezempju. Dan is-servitu' għandu konsegwenzi gravament limitativi għad-dritt ta' tal-uzu ta' propjeta'. Servitu' li jkun iqegħed iċaħħad għal kollox lis-sid tal-fond servjenti milli qatt jista' jgawdi l-propjeta' tiegħu . Għalhekk il-ħolqien ta' dan ix-xorta ta' servitu' ma jistax ikun desunt mill-mod kif ikun redatt kuntratt , izda għandu jirrisulta bl-aktar mod ċar li si tratta ta' projbizzjoni li ma tippermetti ebda bini jew li tippermetti sa ċertu għoli biss. Fil-kaz li għandha quddiemha din il-Qorti ma jidhirx li huwa l-kaz.

**29.** Għaldaqstant u ai termini tal-artikolu 469 tal-istess Kodiċi, tista' tiġi stabbilita biss permezz ta' titolu: *(1) Is-servitujiet kontinwi li ma jkunux jidhru, u s-servitujiet mhux kontinwi, ikunu jew ma jkunux jidhru, jistgħu biss jiġu stabbiliti b'saħħa ta' titolu; huma ma jistgħux jiġu stabbiliti bil-preskrizzjoni jew bid-destinazzjoni ta' sid ta' żewġ fondi*. Huwa ċar li servitu' li ma jidhirx huwa impreskrivibbli .

**30.** Dan ifisser li Il-kundizzjoni fil-kuntratt imsemmi tal-1 ta' Ottubru 1968 li "*The land shall only be used for car ports and for no other purpose*" ma tistax tikkwalifika bħala servitus altius non tollendi. Dan peress li tali kundizzjoni hija nieqsa mit-tlett elementi li għandhom jissemmew fil-kuntratt sabiex tiġi effettivament konsitwita tali servitù b'att intervivos skont kif dettat bl-artikoli 458 u 400 tal-Kodiċi Ċivili (ara **Joseph Abela et vs Philip Borg et** u **David Portelli et vs John Mercieca et** ġia ċitata supra).

**31.** Jingħad ukoll li anke li kieku kellu jiġi argumentat li tali kundizzjoni setgħet b'xi mod toħloq dubju dwar l-eżistenza o meno ta' servitù altius non tollendi, ġie rilevat min din il-Qorti li fil-kamp ta' servitujiet din il-Qorti hija gwidata mill-ażioma servitus sic interpretanda est ut quam fieri potest incommodo fundus serviens oneretur. It-tagħlim ġurisprudenzjali huwa fis-sens "Illi bil-liġi, sid il-fond dominanti ma jista' jagħmel xejn li jtaqqal il-piż tal-fond servjenti. Fid-dubbju għandu jiġi deċiż favur il-fond servjenti. *(*ara **Deċiżjoni tal-Appell Ċivili Superjuri tal-4 ta' Mejju 1953 fl-ismijiet Carmelo Vassallo -vs- Nicola Galea***).* Mela multo magis, kemm huwa aktar applikabbli dan it-tagħlim meta l-kwistjoni tkun mhux dwar l-estensjoni tas-servitu` iżda l-esistenza tiegħu.

**32.** Dan huwa wkoll rifless fit-tagħlim tal-ġuristi u jgħallmu li " ... *Perocche' in primo luogo sono limitazzioni della propieta', e come tali fanno eccezione al diritto commune. Quindi non si presumono mai, ma debono essere provate da chi le allega. Per la stessa ragione debbono essere interpretarsi ristrettivamente , nel dubbio escludersi.*" (**Istituzioni di Diritto**

**Civile Italiano; Vol III, pg 90 Pacifici Mazzoni Fratelli Camelli; Firenze Ed 1873**).

**33.** Huwa għalhekk li artikolu 476 tal-kodici civili jiddisponi li *"Meta jkun hemm dubju dwar l-estensjoni tas-servitù,wieħed għandu jinqeda biha fil-limiti ta' dak li hu meħtieġ, billi jittieħdu b'qies id-destinazzjoni li l-fond dominanti kellu fiż-żmienli ġiet stabbilita s-servitù u l-użu konvenjenti ta' dak il-fond, bl-anqas ħsara tal-fond serventi."*

**34.** Ladarba ma ġiet maħluqa ebda servitù ta' altius non tollendi bis-saħħa ta' titolu skont l-artikolu 469 tal-Kap. 16, il-Konvenuti ma jistgħux isibu refuġju wara l-fatt li fl-att tal-1 ta' Ottubru 1968 hemm il-kundizzjoni li "*The land shall only be used for car ports and for no other purpose*". L-aktar l-aktar tali kundizzjoni tammonta għal ftehim li sar mal-awturi tal-Attur u l-Konvenuti li ma huwiex wieħed ta' natura reali iżda ta' natura personali u bħala tali ma setgħax jgħaddi fil-persuna tal-Attur bil-fatt li akkwista l-garaxx in kwistjoni.

**35.** F' **Muscat Scerri vs Montebello deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Ottubru 1987**, intqal li: "*ftehim fejn teżisti obbligazzjoni personali bejn il-partijiet, jekk jirrizulta, ma jikkrea ebda dritt reali inerenti għall-fond u ma tinvinkolax lil min jiġi fil-pussess tal-fond wara dak li jkun ikkonċeda dan l-użu*" (ara ukoll **Louis Scicluna et vs Joseph Sant** ċitata supra). Tabilħaqq il-konvenuti ma għandhom l-ebda setgħa li jorbtu lill-Attur bl-obbligazzjoni naxxenti min ftehim bħal dan (ara f'dan is-sens il-kawża

**Mercury p.l.c. vs Persona Limited, Qorti Ċivili Prim' Awla, 10 ta' Ottubru 2019**).

**36.** Isegwi għalhekk li l-Atturi jgawdu biss min *servitus prospectus* ossia servitù affermattiva ta' introspezzjoni. Għaldaqstant u b'applikazzjoni tal-insenjament mogħti fil-kawża **Emanuel Muscat v. Brian Abela et** ġia ċitata, l-Attur għandu josserva l-obbligu mpost fuqu bl-artikolu 435(2) tal-Kap. 16 billi ma jibnix f'inqas minn tliet metri mill-bini tal-Konvenuti.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tiċħad l-ewwel parti tal-ewwel talba attriċi** u tiddikjara illi l-porzjon diviża t'art illi fuqha huwa mibni l-fond ossia garaxx u store magħruf bin-numru intern tmintax (18) bl-isem ta' 'JB Garage' [gia bl-isem Wella] b'aċċess minn Triq Buqrajq fil-Kappara, limiti ta' San Ġwann, konfinanti min-nofsinhar mal-imsemmija Triq Buqrajq, mill-punent ma' proprjetá ta' Wren Investments Limited u mit-tramuntana ma' beni ta' Giuseppa Caruana jew l-aventi kawża tagħhom, hija soġġetta għal servitù affermattiv ta' prospett a favur tal-fondi proprjetá tal-konvenuti.

**Tilqa' t-tieni parti tal-ewwel talba attriċi** u tiddikjara illi l-istess porzjon diviża t'art ma hiex soġġetta għall-kundizzjoni illi ma tistax tiġi użata ħlief bħala *car ports*;

**Tilqa' t-tieni talba attrici** b'dana li l-Attur irid josserva l-obbligu impost bl-artikolu 435(2) tal-Kap. 16, u għalhekk ma jistax jibni f'inqas minn tliet metri mill-bini proprjetá tal-Konvenuti.

**Tilqa' limitatament it-tielet talba** fis-sens, li fil-waqt li qed tiċħadha inkwantu jrrigwarda il-ftuh tat-twieqi, qed tilqaghha inkwantu l-Attur jista' jagħmel użu sħiħ mill-propjeta' tiegħu salv għad-distanza li għandu jżomm kif ingħad aktar 'l fuq.

**Tiċħad** ir-raba' talba.

**L-Ispejjeż** ta' din il-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**